MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 38/2012

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti izzewgu civilment f'Malta fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u erbgha (2004) u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal (Dok A);
2. Illi l-konvenut huwa ta' nazzjonalita Libyana. Meta iltaqghu l-intimat kien qed jghix f'biza li jitkecca minn Malta, l-esponenti kienet infatwata bih u hu induciha li temmen li kien ihobbha;

3. Illi wara iz-zwieg kien car li hu ried juzaha biex ikun jista jghix Malta legalment. Hi kienet tahdem u kienet hi li principalment ikkontribwiet ghall-bzonnijiet taghhom. Malli skada il-perjodu ta’ hames snin rikjesta mill-Ligi isseparaw fattwalment u eventwalment anke bil-ligi permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil tat-8 ta Novembru tas-sena 2011 (Dok B);

4. Illi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni, ma stabbilewx bejniethom dik il-komunjoni ta’ hajja u imhabba li hija element fondamentali taz-zwieg u ma ikkonsidrawx l-unjoni taghhom bhala zwieg;

5. Illi ghalhekk kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess jew sussidjarjament l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

6. Illi li ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b’mod partiolari a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

TALBIET

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

(1) tiddikjara u tiddeciedi li iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f’Malta fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ April tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Dok A) huwa null u bla effett skond il-Ligi, b’mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (d) u, sussidjarjament, (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk tordna li issir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez – kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponent jinnega li huwa kien jghix f'biza li ser jitkecca minn Malta u li huwa uza lill-attrici sabiex ikun jista' jghix gewwa Malta;
2. Illi huwa minnu li l-attrici kienet infattwata bih u li konsegwentement il-kunsens taghha kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess, jew sussidjarjament il-kunsens tal-partijiet inkiseb fl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
3. Illi l-esponent jaqbel li dan iz-zwieg huwa null u bla effett skond il-ligi, a tenur tal-Artikolu 19 (d) u 19 (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi ghalhekk l-esponent m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez relatati mal-proceduri odjerni;
5. Illi t-talbiet attrici huma nfondonati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez a karigu tal-attrici;

Salv dawk l-eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat it-28 ta' April 2004 jigi dikjarat null u bla

effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Illi min-naha tieghu l-intimat, jichad li huwa kien jghix f'biza li ser jitkecca minn Malta u li uza lill-attrici sabiex ikun jista' jibqa' jghix Malta izda jaqbel li z-zwieg ta' bejniethom ghandu jigi dikjarat null ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-attrici stess.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

L-attrici tibda billi tghid li ltaqghet mal-intimat gewwa Paceville fi Frar 2002. Mill-ewwel ingibdet lejh u ftit wara bdew johorgu flimkien. Dak iz-zmien kienet ghadha kif spiccat il-kors ta' ghalliema l-universita' u kienet bdiet tahdem. Hasbet li kienet sabet l-imhabba u ma kienitx taf li l-intimat kien Malta minghajr visa ghaliex ma kienitx konxja minn dawn l-illegalitajiet. Maz-zmien saret taf il-verita' u saret taf ukoll li kien qieghed jahdem bla ktieb tax-xoghol u li fuq kollox, jekk jinqabad mill-Pulizija, kien ser jigi deportat lejn pajjizu. Wara li rnexxilu jaghmel passaport (x'aktarx b'mod illegali) u l-intimat irnexxilu jmur lejn pajjizu u jerga' jidhol f'pajjizna minghajr problemi, kienet l-attrici li bdiet tghinu sabiex ikollu l-visa tieghu estiza. Fil-frattemp, l-intimat baqa' jahdem f'Malta b'mod illegali. Imbaghad, f'Awwissu 2003 l-istess intimat rega' mar lura f'pajjizu minhabba r-ramadan. Meta gie lura, kien jaf li kien ser ikollu diffikultajiet mal-Immigration u l-partijiet raw li l-unika soluzzjoni li kellhom kienet li jizzewgu. Peress li t-tnejn li huma kienu migbudin lejn xulxin, hassew li l-uniku mod li jkomplu jkunu flimkien kien li jizzewgu. L-attrici tghid li hassitha "***pressured***" mill-intimat u li kienet inkwetata hafna li riedet tmur l-Immigration Department kull darba biex igedded il-visa tieghu. Riedet tevita li tirrepeti din l-esperjenza akkost ta' kollox. L-attrici tghid li l-intimat insista hafna li z-zwieg isir qabel ma Malta tidhol fl-Ewropa u llum il-gurnata tirrealizza li dan kien ghax l-intimat kien jaf li wara d-dhul ta' Malta fl-Ewropa, kien ser ikun hemm aktar restrizzjonijiet fil-hrug ta' visas.

L-attrici tghid li z-zwieg taghhom sehh bil-mohbi fis-sens li ma qalet xejn lill-genituri taghha ghaliex kienet taf li kieku

jsiru jafu, kienu ser iwegghu ghaliex huma *close* imma fl-istess hin kienet temmen li l-intimat kien “***my only true love***” u li fuq kollox kienet “***blinded to everything else***” (ara a fol 20 tal-process). Fl-istess hin, l-intimat ried li jibqa’ ghaddej biz-zwieg u minhabba c-cirkustanzi kollha, ma setghetx tizen il-konsegwenzi tad-decizjoni taghha.

L-attrici tghid ukoll li dak li hi u l-intimat iddiskutew kien biss it-tieg u r-residenza u xejn aktar. Ma ddiskutewx il-hajja mizzewga, il-familja jew il-futur taghhom u hasbet li dawn setghu jiddiskutuhom wara. Iz-zwieg sar fir-registru pubbliku u x-xhieda kienu kollha hbieb tal-intimat ghax l-unika persuna li maghha fethet qalba l-attrici, rrifjutat li tippartecipa ghax hasset li din ma kienitx idea tajba, tant li tatha l-parir biex ma tizzewwigx. Minkejja dan kollu, baqghet ghaddejja u z-zwieg sar.

Peress li kollox sar bil-mohbi, l-partijiet ma setghux jghixu flimkien. Fil-fatt l-attrici tghid li ghall-ewwel ftit xhur, baqghu jghixu f’zewg residenzi differenti. Kien biss fis-sena 2008 li eventwalment bl-iskuza li kienet ser tmur tghix mal-hbieb li l-attrici marret tghix mal-intimat zewgha. Pero’ minkejja li issa bdew jghixu flimkien, l-intimat xorta wahda baqa’ jghix ghal rasu, fis-sens li kien ihalli kollox f’idejn l-attrici, kemm ghal dawk l-affarijiet li huma personali kif ukoll ghal dawk finanzjarji. Fi kliemha stess tghid “***I ended up being alone in my marriage***” (ara a fol 21 tal-process) ghaliex l-intimat kien iqatta’ hafna hin mal-hbieb u johrog sa’ tard bil-lejl jew kmieni filghodu, hafna drabi fis-sakra. Hekk kif jasal lura d-dar, kien jghidilha biex tmur tahdem ghaliex ghalih kienet biss “***an addendum to pay the bills – his bank account***”.

Fuq il-karattru tal-intimat, l-attrici tghid li kien juriha li huwa *open-minded* fis-sens li r-religjon tieghu u l-kultura tieghu qatt ma kellhom effett fuq ir-relazzjoni taghhom, specjalment minhabba l-fatt li hu ma kienx Musulman prattikant. Pero’ maz-zwieg kollox inbidel tant li beda jipprattika r-religjon u d-differenzi fil-kulturi bdew ikunu sors ta’ glied bejniethom. Il-fatt li l-familja tieghu u shabu kienu dejjem jigu l-ewwel kien ukoll sors ta’ glied. Apparti dan kollu, l-attrici kellha tidhra u tbiddel il-mod ta’ kif tghix,

l-ikel u anke sabiex taddatta ghal zminijiet bhal Ramadan. Dan kollu baqa' ghaddej minn wara dahar il-genituri tal-attrici sakemm imbaghad fis-sena 2009 qalet lill-ommha u lil huha. Ommha haditha bi kbira hafna u xorta ma riditx taf bl-ezistenza tieghu. Missierha ghadu ma jafx fuq dan iz-zwieg sal-gurnata tal-lum izda l-fatt li bintu kienet qed tghix ma' ragel iehor wasslu biex ghall-ewwel jirrifjuta li jkellimha, imma mbaghad, anke wara li kkonvincietu ommha, qalilha li ma ried li jkollu xejn x'jaqsam mal-intimat. B'hekk l-attrici spiccat fin-nofs bejn zewgha u l-familja taghha u din is-sitwazzjoni xejn ma kienet felici ghaliha ghaliex hassitha li kienet tradiet il-familja taghha u li kienet qed tghix hajja ta'gidba kontinwa. Kien fis-sena 2011 li l-attrici rrealizzat li tul dawk is-snin kollha, l-intimat kien dahak biha ghaliex kien minghaliha li jhobbha izda rrealizzat li dan ma kienx minnu. Dan kien ghaliex l-intimat kien ha c-cittadinanza u gab passaport Malti u ghalhekk, ma kellux bzonn lill-attrici aktar.

**<u>Verzjoni tal-intimat</u>**

L-intimat jghid li ltaqa' mal-attrici gewwa Paceville u r-relazzjoni ta' bejniethom kienet normali fis-sens li kienu jiltaqghu kull jum. Meta mistoqsi mill-Qorti x'kienet ir-raguni ghaliex zzewgu, huwa jghid "***because we love each other***" u jichad li kien hemm kwistjoni relatata ma' visa. Jghid ukoll li z-zwieg kien idea tal-attrici u meta mistoqsi ghaliex l-attrici ma qalitx lill-familja taghha biz-zwieg, jghid li r-raguni li jahseb hu kienet li l-familja taghha huma bojod filwaqt li huwa ghandu karnaggjon skur.

L-intimat jikkonferma wkoll li kien hemm zmien, minkejja li kienu mizzewgin, fejn il-parijiet kienu jghixu separati minn xulxin. Jghid ukoll li z-zwieg sfaxxa ghaliex hu ried it-tfal filwaqt li l-attrici ma riditx minhabba l-familja taghha peress li ma jridux tfal ta' nazzjonalita' Gharbija, Musulmani fil-familja taghhom. L-intimat jghid ukoll li l-attrici qaltlu qabel iz-zwieg li ma riditx tfal imma haseb li maz-zmien, setghet tbiddel fehmtha.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar it-28 ta' April 2004 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process.

Il-Qorti tirrileva li apparti x-xhieda tal-partijiet, ma ngabet ebda prova ohra u ghalhekk, il-Qorti trid necessarjament tevalwa l-kredibilita' tal-partijiet sabiex tara jekk hemmx bazi ghal dikjarazzjoni ta' nullita' jew le abbazi ta' wiehed mill-artikoli li ser jigu diskussi.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li minhabba anomalija psikologika serja l-partijiet kienu inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet qatt ma kellhom l-intenzjoni li verament jifformaw familja u jifformaw dik l-ghaqda li tant hi necessarja fiz-zwieg. Qatt ma verament riedu jizzewgu fis-sens wiesgha tal-kelma. Dan ma jfissirx li l-partijiet ma kellhomx dak il-gudizzju necessarju sabiex jevalwaw id-decizjoni taghhom ghaz-zwieg. Anzi mill-provi jirrizulta li l-partijiet raw iz-zwieg bhala l-mezz ta' kif isolvu l-problemi rispettivi taghhom. L-attrici rat biss it-tama li ma tibqax tigi soggetta ghall-iskrutinju tal-*Immigration Department,* filwaqt li min-naha tieghu l-intimat ra li l-problemi relatati mal-visa kienu ser jispiccaw darba ghal dejjem u jkun jista' joqghod hawn Malta. Ma qiesu xejn aktar, minkejja li l-attrici kellha lil min jifthilha ghajnejha. Ghazlet li ma tismax u tkompli ghaddejja bil-pjanijiet taz-zwieg.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[1] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih***

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***”***.***

Illi il-Qorti tirreferi wkoll ghal sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[2] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* mehtiega ghaliex raw iz-zwieg biss bhala soluzzjoni ghas-sitwazzjoni prezenti taghhom u xejn aktar.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mill-provi migbura jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li dan kien

[2] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

zwieg ta' konvenjenza da parti tal-intimat u xejn aktar. L-attrici tammetti li hija kienet infatwata mill-intimat u li ghall-ewwel uriha l-hlewwa kollha izda il-Qorti tifhem ukoll li din il-hlewwa sparixxiet hekk kif l-intimat kien akkwista dak li ried u cioe' l-permess biex jibqa' hawn Malta. Dan kollu jirrizulta mix-xhieda tal-istess intimat, fejn jaghti sensiela ta' kontradizzjonijiet fosthom li lejn l-ahhar taz-zwieg kien tilef ir-rispett lejn martu ghaliex ma riditx tfal imma fl-istess nifs jiddikjara li huwa kien jaf qabel iz-zwieg li ma riditx tfal. Dan necessarjament ifisser li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg bl-intenzjoni (ghall-anqas da parti tal-attrici) li ma jkollhomx tfal (u fil-fatt hekk kien). Il-fatt li l-intimat ghazel li jizzewweg lill-attrici xorta meta kien jaf li ma riditx tfal, juri li l-istess intimat kellu raguni ulterjuri ghaliex jidhol ghal dan iz-zwieg jekk verament, kif jikkontendi hu, ried it-tfal.

Il-fatt li l-partijiet damu sentejn biex ghexu flimkien huwa wkoll indikattiv tal-intenzjoni tal-partijiet ghaliex ghall-ewwel sentejn taz-zwieg taghhom ghexu separati u zgur li ma stabbilixxewx dik il-hajja konjugali rikjesta mill-mizzewgin. Din il-hajja konjugali baqghet qatt ma giet stabbilita lanqas wara li l-partijiet bdew jghixu flimkien ghaliex filwaqt li l-attrici kienet tmur ghax-xoghol, l-intimat kien johrog mal-hbieb u jdum tard bil-lejl. Qatt ma kien lest li jassumi r-responsabbilitajiet taz-zwieg versu martu u dan ghaliex konxjament eskludew din il-possibilita' u mhux ghax kienu inkapaci.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

---

[3] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Jirrizulta bl-aktar mod car mill-provi prodotti li l-intimat dahal ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar, filwaqt li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg b'immaturita' kbira tant li ma rrealizzatx li r-relazzjoni taghhom ma kienitx dik li tahseb hi. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[4] **u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[5] fejn gie ritenut li:

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenzi moghtija fil-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[6] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[7] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

Il-Qorti tirrileva li mix-xhieda prodotta, ma hemm ebda dubju dwar ir-raguni li wasslet lill-partijiet sabiex jidhlu

[4] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[5] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[6] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[7] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

ghaz-zwieg odjern. Min-naha tal-attrici, kien hemm l-idea li tehles mill-iskrutinju tad-dipartiment tal-*Immigration* filwaqt li min-naha tieghu, l-intimat kien ser jakkwista d-dritt li jibqa' hawn Malta minghajr problemi.

Il-Qorti f'dan l-istadju qeghda taghmel referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[8] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher car li fil-mument tal-kunsens taghhom il-partijiet riedu biss li jakkwistaw xi oggett li kien lil hinn miz-zwieg u lil hinn mid-drittijiet u l-obbligi naxxenti miz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[8] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell